**JANNAR 2009** **NUMRU 239**

# MADWARNA

**Inġeddu l-wegħda tagħna.** It-Tesserament tal-membri li x-xogħol tagħhom fl-Azzjoni Kattolika hu f'xi wieħed mill-kumitati ċentrali se ssir fl-10 ta' Jannar 2009. Din iċ-ċerimonja, li fiha l-membri jġeddu l-wegħda tagħhom li jilqgħu bil-qalb is-sejħa ta' l-appostolat hi l-aħħar ċerimonja tat-tesserament għas-sena soċjali li bdejna.
Ftit huma l-għadqiet li jorganizzaw t-tesserament kull sena. Kien hemm min ġieli qalilna 'li tittessera darba f'ħajtek mhux biżżejjed? Ara l-għaqdiet l-oħra ma jittesserawx kull sena.'
Kull darba li ddiskutejna dan il-punt, apprezzajna l-opportunità li jagħtina t-tesserament li niftakru għalxix aħna imsejħin, li nirriflettu fuq il-grazzja tas-sejħa tagħna, li nġeddu x-xewqa tagħna li ngħixu din is-sejħa mill-aħjar li nistgħu, u li nitolbu l-għajnuna ta' Alla u l-ħarsien ta' Ommna Marija u ta' Missierna San Pawl biex inkunu leali lejn din is-sejħa. Dan kollu jwassal biex bqajna nagħmlu din iċ-ċerimonja kull sena.

**Żmien ta' proponimenti**. Il-bidu ta' Jannar huwa ż-żmien tal-proponimenti. Din is-silta mill-ewwel ittra ta' San Pawl lit-Tessalonkin, ġiegħlitni nirrifletti fuq il-wegħdiet li nagħmel fit-tesserament u nisslet ġo fija xewqa li fil-bidu ta' din is-sena nkun aktar miftuħa għal kull opportunità li jpoġġi fi triqti l-Ispirtu Qaddis u li naġixxi mingħajr tnikkir għax-xogħol kollu li għandi nwettaq. San Pawl qalilna:
'Ixxekklux l-Ispirtu, tmaqdrux il-profeziji, ippruvaw kollox, it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen.' (5: 16-24).
Inxekklu l-Ispirtu kull darba li xi ħadd joħroġ b'idea tajba u aħna inmaqdruha, kull darba li nġibu x-xogħol bi kbir, kull darba li naqtgħu qalbna u qalb ħaddieħor, kull darba li nitilfu opportunità biex nitgħallmu jew nitqaddsu.
Inmaqdru l-profezija kull darba li ma nilqgħux b'entużjażmu l-kelma tar-rgħajja spiritwali tagħna u li nikkritikaw mingħajr sens il-kariżmi jew ix-xogħol ta' ħaddieħor. L-għaqda hija sinjal tal-preżenza ta l-Ispirtu fostna. Il-Knisja qegħda titlob minna sens ta' komunjoni. Dan is-sens jitrawwem fina jekk naħdmu biex insaħħu l-għaqda billi nikkoperaw mal-Kappillan u ma' l-għaqdiet l-oħra, speċjalment fil-parroċċi, billi nitkellmu tajjeb dwar kull sforz li jkun qiegħed isir, billi nfaħħru xogħol ta' ħaddieħor u nagħmlu l-kuraġġ lil kull min jieħu xi inizjattiva.

**Nippreparaw għal Festa ta' San Pawl.** Nippreparaw u nipparteċipaw bis-sħiħ għal kommemorazzjoni tal-miġja ta' San Pawl fostna u nħajjru lin-nies biex jipparteċipaw ħalli din it-tifkira tiġbed fuq Malta xita ta' grazzji. Nirringrazzjaw lil Alla li bagħat fost dan il-poplu żgħir tagħna Appostlu hekk kbir u nagħarfu l-vokazzjoni tagħna biex inkunu aħna wkoll messaġġiera ta' l-aħbar it-tajba, mhux biss f'pajjiżna imma fuq l-eżempju ta' San Pawl lilhemm minnu.
**Is-Sena t-Tajba.** Nawguralkom sena tajba, li fiha tikbru fl-għarfien ta' Alla u fix-Xebħ Tiegħu.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**



**Irtir Għal Kullħadd**
**Mill-Ġimgħa 27 ta' Frar filgħaxija sal-Ħadd 1 ta' Marzu filgħodu**
**Il-Lunzjata Limiti tar-Rabat**
**Il-Predikatur se jkun Mons. Pawl Vella**
**Aktar dettalji fl-Information Sheet ta' Frar**

## Attivitajiet għax-Xahar ta' Jannar 2009

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 8 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Il-Gimgħa 9 | Direttorju | Laqgħa għall-Membri tad-Direttorju fis-18:00, Isititut Kattoliku, Floriana. |
| Is-Sibt 10 | Diriġenti/Ċirkoli | Tesserament f'Sala Gonzi fis-18:00 p.m |
| It-Tnejn 12 | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'B'Kara fit-20:30 |
| L-Erbgħa 14 | Għalliema | Kors ta' Spiritwalita LaSaljana fil-17:30 |
| | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjsoni fis-18:00 |
| Il-Ħamis 15 | Diriġenti kollha | Skola ta' l-Appostolat fid-9:30 |
| It-Tnejn 19 | Fergħa Rġiel | Kunsill fil-17:30 |
| L-Erbgħa 21 | Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30 |
| Il-Ħamis 22 | Fergħa Xebbiet | Laqgħa għall-Presidenti taċ-Ċirkoli fis-18:00 |
| Il-Ġimgħa 23 | Direttorju | Laqgħa għal Membri tad- Direttorju fis-18:00, Isititut Kattoliku, Floriana |
| It-Tnejn 26 | ŻAK | Laqgħa ta' formazzjoni għal *leaders* f'B'Kara fit-20:30 |
| It-Tlieta 27 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 1 Membri kollha taċ-Ċirkoli ta': Balzan, Balluta, B'Kara, Fleur-Lys, Ħamrun S.G., Ħamrun Kunċizzjoni, Ħamrun Sokkors, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, Qormi S.B,, Qormi S.Ġ., Rabat ,Sta. Venera, San Ġiljan, Siġġiewi, Żebbuġ. |
| L-Erbgħa 28 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 2 Membri kollha taċ-Ċirkoli ta': B'Buġia, Cospicua, Fgura, Floriana, Gudja, Kirkop, Luqa, Marsa, Paola Mqabba, Qrendi, Safi, Senglea, Tarxien, Valletta S.P., Vittoriosa. |
| Il-Ħamis 5 ta' Frar | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - Membri tal-Kunsill Fid-9:30 |



**Tesserament Ċentrali**

Is-Sibt 10 ta' Jannar 2009 fis-18:00
Sala Mons Gonzi
Istitut Kattoliku,Floriana
NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA JSIR IT-TESSERAMENT Tad-DIRIĠENTI ĊENTRALI
WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA l-ĠDIDA

<u>Fergħa Xebbiet Adulti</u>

Nixtiequ lill-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika Sena Ġdida mimlija ħidma fi ħdan iċ-Ċirkoli tagħhom.

-----

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT

Nhar il- Ħamis 15 ta' Jannar, 2009
Fis-9:30
F'Sala Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN

Nixtiequ s-sena 2009 ħafna ferħ, paċi u hena li jġib miegħu l-Milied lill-Presidenta Joyce Pullicino, lill-Assistent Ekkleżjastiku Monsinjur Paul Vella u lill-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika f'Malta u Għawdex. Bl-għajnuna t'Alla nibqgħu nimxu fuq it-tagħlim li ħallilna San Pawl. Siltiet li kiteb San Pawl ……'Infittxu dak li jġib is-sliem… ' 'Ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu … ' 'Waslet is-siegħa li nqumu min-ngħas..' 'L-imħabba kollox tagħder, kollox tissaporti.' ….'Ngħix, imma mhux iżjed, iżda jgħix fija Kristu . . ' 'Il-frott ta' l-ispirtu huma l-imħabba, hena s-sliem, is-sabar, il-ħniena.'

Il-Paċi tal-Mulej tkun magħkom ilkoll.

Anthony & M'Anne Sultana

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Lid-Diretturi tad-Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja.

Fil-bidu ta' kull Sena Ġdida, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika jistieden l-Anzjani tad-Djar Residenzjali tal-Knisja għall-*High Tea* u *Get - Together*.

Din l-attivita' tkun organizzata flimkien ma' l-Uffiċċju Djoċesan tad-Djar ta' l-Anzjani tal-Knisja. Hekk insaħħu wkoll l-ispirtu komunitarju kif jitlob is-Sinodu.

Din is-sena l-okkażjoni se tiġi organizzata b'dan il-Programm:



15:30 Niltaqgħu lkoll flimkien
15:45 High Tea
16:00 Varjeta': Kant, Logħob, Sketches, Żfin;
17:30 Rigali bix-xorti;
18:00 Tmiem

Post: Qawra Palace Hotel, Qawra Data : Il-Ġimgħa 9 ta' Jannar 2009

Trasport: Id-Djar Residenzjali li għandhom il-Minibus tagħhom għandhom jagħmlu użu minnha biex jittrasportaw lir-residenti tagħhom.

---

<u>Donazzjonijiet li Jsiru Waqt il-Ħruġ bil-Minibuses tas-S.A.S.</u>



L-Ewwel Premju – Biljett No 383B - A.K. Ħamrun S.G.
It-Tieni Premju - Biljett No 271B - Ċentru Anzjani San Ġiljan
It-Tielet Premju – Biljett No 330B – St. Catherine's Home, Attard

----------------

**<u>Laqgħat ta' Taħriġ lill-Voluntieri</u>**

Is-SAS flimkien mal-Fergħat Adulti A.K b'mod speċjail l-Fergħa Nisa A.K. Qegħdin jorganizzaw tliet laqgħat ta' taħriġ fuq temi soċjali biex is-servizz lill-bniedem fil-bżonn ikun kemm jista' jkun tajjeb.

**Il-Ħamis 12 ta' Frar** – Skills u ħiliet bażiċi li jistgħu jiġu applikati ma' tfal bi żvantaġġi fis-suġġetti bażiċi fis-sistema edukattiva, bħala parti mill-ħidma pastorali ġewwa l-parroċċi. Leonid McKay –Kordinatur, Qasam Djakonija, Caritas Malta.

**Il-Ħamis,19 ta' Frar -** Il-Ħidma Soċjali mill-Kumpless AĊĊESS ta' l-Aġenzija Appoġġ fil-Birgu u Ħidma fil-Komunita' – Ms Marija Zahra – Social Worker – Kap, Kumpless AĊĊESS, Aġenzija Appoġġ, Birgu.

**Il-Ħamis, 26 ta' Frar –** It-Tqala minn Żgħażagħ Teenagers f'Malta u l-implikazzjonijiet tagħhom. – Tabib Mario Rizzo Naudi – Membru tal-Kulleġġ tat-Tobba tal-Familja.



**<u>SERVIZZ BIL-MINIBUSES</u>**

**<u>Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità</u>**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il-programm li tippreżenta l-Kummissjoni Ħidma Morda ta' l-A.K.M. ddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità SOLIDARJETÀ qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fit-19:15 fuq Radju Malta u **MHUX** fit-20:30. Dawn huma d-dati tal-Programm għal Jannar 2009 :- 4, 11, 18 u 25.

---

ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL- GĦAQDA TAL-KNEJJES

Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar 2009

Nitolbu lkoll biex din l-Għaqda sseħħ

Peres li din is-sena hija Sena Pawlina se tkun organizzata b'mod speċjali din il-Ġimgħa. Nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar se jsir Pellegrinaġġ li jitlaq mill-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, Valletta fis-18:45. Jgħaddi minn quddiem il-Knisja Griega Kattolika fi Triq l-Arċisqof u jibqa' sejjer sa
St Paul's Anglican Pro-Cathedral fejn issir Prayer Service.
Il-Membri ta' l-Azzjoni Kattolika għandhom iħossu d-dmir li jattendu għal din l-okkażjoni speċjali biex nimmanifestaw l-Għaqda li teżisti bejnietna l-Insara.

# *CLEARANCE SALE SALE SALE!!!!*

## *50% OFF*

## *12 – 24 ta' Jannar 2009*

### *fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika –*
### *Istitut Kattoliku - Floriana*

**Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-Ġimgħa - mid- 9:00 sa 12:00**
**mill- 16:00 sas-19:30**
**is-Sibt – filgħodu biss**



***Tel: 21 237031***

# *NISTENNEWKOM!!!!*

**KUMMISSJONI FUND-RAISING**

Festa San Ġwann Bosco - Padrun Assistenti Ekkleżjastiċi
Azzjoni Kattolika Maltija

**Il-Ħadd 1 ta' Frar 2009 fil-Lukanda CANIFOR Qawra**
**Triq in-Nakkri Qawra**
**Minn 12.30 pm għas-1.00 pm.**

Qawl Malti jgħid li l-ħin, iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Hekk ġara mal-Kumitat tal-Fundraising, li minħabba ċirkustanzi diversi kull attentat ta' ikla tal-ħbieb flimkien kellu jiġi pospost. Fl-aħħar instabu data u post biex din il-laqgħa tista' ssir. Din se tkun nhar il-Ħadd l-Ewwel ta' Frar 2009. Żommu din id-data libera minn issa ħalli niltaqgħu flimkien magħqudin ma' l-Assistenti Ekkleżjastiċi u Saċerdoti oħra li jgħinu fl-Azzjoni Kattolika għal SUPER BUFFET LUNCH fil-Lukanda Canifor il-Qawra fi Triq in-Nakkri viċin ħafna ta' l-Għassa tal-Pulizija, ħdejn it-Terminus tal-Karozzi tal-Linja. Għal dawk li jiġu bil-karozza tal-Linja jużaw il-karozza numru 49 jew 58.

## MENU

**ANTIPASTO**
**LASAGNA AL FORNO**
**PASTA CARBONARA**
**- - -**
**CHICKEN SOUP**
**VEGETABLE SOUP**
**ROAST PORK WITH APPLE SAUCE (CARVERY)**
**ROAST BEEF WITH HORSERADISH SAUCE (CARVERY)**
**ROAST TURKEY WITH CRANBERRY SAUCE (CARVERY)**
**POACHED CERNA BON ASSISI**
**BABY CARROTS**
**ROAST POTATOES**
**GARDEN PEAS**
**NATURAL POTATOES**
**BLACK FOREST GATEAU**
**VANILLA GATEAU**
**COFFEE**

**One (1) glass of Wine OR Soft Drink OR Water is included**

Bħas-soltu l-kitba ssir fis-Segreterija ta' l-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ħamis 29 ta' Jannar 2009. Tel – 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mejda tixtiequ toqgħodu għall-ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo Tel 21221931.
Prezz: Kbar €16.00. Tfal €7.00.

**KM RENDIKONT ANNWALI 2008**

Ente *(a)* ______________________ Parroċċa *(b)* ______________________ Fergħa/Moviment eċċ *(c)* ______________________

# DĦUL

Dħul mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008

| | EUR | EUR |
|---|---|---|
| Bilanċ mis-Sena 2007 | | ______ |
| 1. Mill-Kwoti | ______ | |
| 2. Kontribuzzjonijiet | ______ | |
| 3. Interessi mill-Banek | ______ | |
| 4. Attivitajiet | ______ | |
| 5. Dħul ieħor | ______ | |
| i) ______ | ______ | |
| ii) ______ | ______ | |
| iii) ______ | ______ | |
| iv) ______ | ______ | |
| | TOTAL DĦUL | ______ |
| | Total Dħul + Bilanċ 2007 | ______ |

# ĦRUĠ

| | |
|---|---|
| 1. Konsum Elettriku/Ilma/Telefon | ______ |
| 2.Ħlas tal-Kera tal-Post | ______ |
| 3. Spejjez ta' Manutenzjoni tal-Post | ______ |
| 4. Spejjez oħra (bid-dettalji) *(d)* | ______ |
| i) ______ | ______ |
| ii) ______ | ______ |
| iii) ______ | ______ |

iv) ______________________ ______________________

v) ______________________ ______________________

**TOTAL ĦRUĠ** ______________________

**DIFFERENZA *(e)*** ______________________

Noti:
a) Isem tal-Fergha/Cirkolu/Kunsill eċċ
b) Isem tal-Lokalita
c) Nisa, Rġiel, Xebbiet, Zgħażagħ eċċ
d) Fejn l-ispiża tkun kapitali għandha tingħata kopja ta' l-irċevuta
e) (+ jekk minn fuq u - jekk minn taħt)

**KAPITAL**

Ammont ta' flus l-Bank ______________________

Flus fl-idejn *(Cash)* ______________________

Kopja/i tal-'Bank Statement' li juri l-Bilanċ fil-Bank/ek sal-31.12.2008

**DIKJARAZZJONI**

Aħna, hawn taħt iffirmati, niddikjaraw li t-tagħrif kollu mogħti f'dan ir-rendikont huwa realistiku u korrett.

Firma tal-President ______________________

Firma tat-Teżorier ______________________

Indirizz Postali tal-Fergħa/Ċirkolu/Kummissjoni eċċ. ______________________

______________________

______________________

Tel. No./Mob. No: ______________________

Email: ______________________

Data ______________________

***Nota: Importanti li dan ir-rendikont jasal għand l-Amministratur Generali sa l-aħħar ta' Jannar 2009.***